MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 5/2009

**Rosina Azzopardi u Paola Attard**
**għan-nom ta' Anthony u Assunta konjuġi Galea**

**vs**

**Giswalda Buttiġieġ;**
**Publius Buttiġieġ;**
**Maria mart John Azzopardi;**
**Carmela mart Joseph Azzopardi;**
**Loreto Buttiġieġ;**
**Michelle mart Ġiovann Spiteri; u**
**Josepha mart Arthur Vella**

**Illum it-Tlieta, 22 ta' Jannar 2013**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew illi:

Illi l-atturi huma proprejtarji tal-fondi bin-numri sitta (6) u sebgħa (7) fi Triq Dun Espedito Tabone, qabel Triq Sant' Andrija, Għajnsielem, Għawdex, b'porzjon art annessa magħhom, li huma akkwsitaw in parti permezz ta' kuntratt tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru elf disa' mija u sittin (1960) atti Nutar John Busuttil (Dok. A) u in parti permezz ta' kuntratt ieħor tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru elf disa' mija u sebgħa u sebgħin (1977) atti Nutar Emanuel George Cefai (Dok. B);

Illi l-konvenuti qed jippretendu drittijiet fuq parti mill-proprjeta' imsemmija tant li anki pproċedew b'applikazzjoni f'isem il-konvenut Geswalda Buttiġieġ għall-iżvilupp ta' l-istess proprjeta', u ottjenew permess mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u L-Ippjanar (MEPA) għal dan l-iskop bin-numru tlett elef tlett mija u wieħed u tmenin tas-sena elfejn u tmienja (3381/2008), kif ukoll għamlu kawzjoni fuq reġistrazzjoni li l-esponenti għamlu fir-rigward ta' din il-proprjeta' mar-Registru tal-Artijiet;

Illi din il-proprjeta' li l-konvenuti jippretendu drittijiet fuqha fiha kejl ta' ċirka erbgħa mija u ħamsa u disgħin metri kwadri (495m.k.) u tikkonfina mit-tramuntana u nofsinhar ma' proprjeta' tal-konjuġi Galea, mill-punent mas-sqas ossia triq (Dok. C);

Illi l-atturi qed jipproċedu b'din il-kawża sabiex jiksbu dikjarazzjoni fis-sens li huma proprjetarji tal-proprjeta' fuq deskritta u li l-konvenuti m'għandhom l-ebda dritt jokkupaw l-istess proprjeta' jew parti minnha.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-atturi huma sidien assoluti tal-propjetarja tal-kejl ta' ċirka erbgħa mija u ħamsa u disgħin metri kwadri (495m.k.) u tikkonfina mit-tramuntana u nofsinhar ma' proprjeta' tal-konjuġi Galea, u mill-punent mas-sqaq ossia triq, fi Triq Dun Espedito Tabone, qabel Triq Sant'Andrija, Għajnsielem, Għawdex, li tidher fuq il-pjanta annessa bħala C;

2. Tiddikjara li l-konvenuti m'għandhom l-ebda drittijiet fuq l-istess proprjeta' u kwalunkwe okkupazzjoni jew aġir ieħor da parti tagħhom fir-rigward ta' din il-proprjeta' huwa llegali u abbużiv;

3. Tordna lill-konvenuti iħallu din il-proprjeta' libera favur l-atturi;

4. Tinibixxi wkoll lill-konvenuti milli b'xi mod jimmolestaw lill-atturi fit-tgawdija ta' din il-proprjeta' tagħhom;

5. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 76/2008.

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. Illi preliminarjament dan ir-rikors huwa null peress illi m'huwiex ġuramentat skond il-liġi;

2. Illi preliminarjament ukoll Rosina Azzopardi u Paula Attard iridu jipprovaw il-mandat li huwa għandhom mingħand Anthony u Assunta konjuġi Galea;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal premess ma jinkorrux l-estremi ta' l-azzjoni rivendikatorja għal eżerċizzju ta' din l-azzjoni. Illi huwa magħruf li l-estremi ta' l-azzjoni rivendikatorja huwa li l-atturi iridu jipprovaw mingħajr ebda dubju d-dominju tagħhom fuq il-ħaġa minnhom rivendikata u li huma akkwistaw dak id-dominju leġittmament. Illi fir-realta l-fond in kwistjoni kien jappartjeni lill-eredi ta' Giuseppe Gauci u l-istess rikorrenti ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-kamra u lanqas mal-mandra merta ta' dana r-rikors;

4. Illi oltre dan il-konvenuti u l-antennati tagħhom ilhom żmien twil fil-pussess tal-istess art, kif jiġi ppruvat dettaljament waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;

5. Illi l-mertu oġġett ta' dan ir-rikor diġa ġie ventilat fl-Avviż Nru.: 56/1972 fl-ismijiet "Assunta mart Anthony Galea noe vs Emmanuel Buttiġieġ" ċedut mill-istess Anthony u Assunta Galea fit-2 ta' Ottubru 197 u mill-istess atti jirrisulta b'mod l-aktar ċar illi l-mandra u l-kamra fil-pussess tal-istess intimati hija provenjenti minn kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Giuseppi Camilleri tat-tlettax (13) ta' Ottubru 1894;

6. Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru 2011 fejn ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti tal-Avviż Inferjuri numru 56/1972 fl-ismijiet "Assunta mart Anthony Galea vs Emanuel Buttigieg" u dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numu 76/2008 fl-ismijiet "Rosina Azzopardi vs Giswalda Buttiġieġ."

Rat id-digriet tagħħa tas-16 ta' Ottubru 2012 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rati in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti, kif ukoll l-atti tal-proċessi allegati.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża rivendikatorja. Qabel xejn pero' jridu jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet preliminari. L-ewwel eċċezzjoni dwar in-nullita' tar-Rikors ġiet itirata b'verbal tal-konvenuti tal-21 ta' April 2009.[1] It-tieni eċċezzjoni tirrigwarda l-prova tal-mandat mogħti lill-atturi. Din saret bil-prokura esebita mill-attriċi Rosina Azzopardi flimkien ma' l-affidavit tagħha

[1] A fol.21 tal-process

tad-19 ta’ Frar 2010.[2] Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda.

Niġu issa minnufih għall-mertu. Dwar din l-azzjoni il-**Pacifici Mazzoni** jfisser illi:

“*La proprieta’… e’ un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta’ ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo’ rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria….L’azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta’ e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l’attore deve provare la sua proprieta’,che e’ il fondamento della sua azione. Ne’ puo’ pretendere invece di provare che il diritto di proprieta’ manchi all’avversario. Ove non riesca l’attore a provare la sua proprieta’, il reo convenuto resta assoluto pei noti principii:* ***actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis****….La prova dev’esser piena: appunto perche’ il diritto,che ne forma l’oggetto, e’ il fondamento dell’azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell’attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta’ non puo’ risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell’autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l’avesse acquistata mediante l’usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau*, che una prova cosi’ rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* ***probatio diabolica****. Sembra quindi che per equita’ non possa pretendersi dall’attore,se non la prova di un diritto migliore*

[2] A fol. 39 -41 tal-process

*o piu' fondato di quello del reo convenuto.Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

*1.Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta',consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo* sia anteriore al possesso del reo convenuto….

*2.Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi…..*

*3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

*Del resto la prova della propreta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*

*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[3]

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-qrati tagħna jispjegaw illi:

"…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju,ossija l-proprjeta' fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**'. Ġie dejjem*

[3] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884;vol.III.# 131-134, p.207et seq.

*ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez.Vol.XXIX.II.488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tieghu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez.XXXII.I.282; XXXIII.II.266; XXXV.I.518; XXXVII.I.105*;"[4]

Hekk ukoll ingħad illi:

" *Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li* ***l-konvenut ikun qed jippossediha.***

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut;in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrinċjarja ruħu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu".*[5]

L-atturi nomine qegħdin jibbażaw it-titolu tagħhom fuq: (i) kuntratt ta' bejgħ li permezz tiegħu Pawlu Xuereb, missier l-attriċi Assunta Galea assenjalha b'titolu ta' dota fond bir-raba anness f'Għajnsielem, li huwa kien xtara mingħand ċertu Giuseppe Buttiġieġ, xi sentejn qabel, u (ii) kuntratt li bih kienu akkwistaw id-dirett dominju gravanti l-istess proprjeta'.

---

[4] Appell Civili:Giuseppe Buhagiar v.Giuzeppi Borg:17.11.1958;Kollez.vol.XLII.pt.I.p.575
[5] Giuseppi Abela vs John Zammit:P.A.16.5.1963

Il-konvenuti jikkontendu:

(i) Illi l-fond bir-raba miegħu anness msemmi fil-kuntratt li fuqu qed jibbażaw it-titolu tagħhom l-atturi ma jinkludix il-fond bl-art ta’ madwarha li jinsab fil-pussess tagħhom, u

(ii) l-atturi m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' din il-proprjeta’ li kienet tappartejni lil ċertu Guzepp Gauċi u li żmien ilu kien krieha lil Emanuel Buttiġieġ, ir-raġel tal-konvenuta presenti Giswalda Buttiġieġ.

A bażi tal-prinċipji stabiliti hawn fuq, sew fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, ġialadarba l-konvenuti m'humiex jeċċċepixxu titolu ta' proprjeta', imma qed jistrieħu sempliċement fuq il-pussess li huma ilhom igawdu fuq l-art li qed jippruvaw jirrivendikaw mingħandhom l-atturi, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-atturi li jridu jippruvaw inekwivokament it-titolu tagħhom. Fin-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet tagħhom l-atturi nomine jsostnu li peress li l-konvenuti qed jippretendu li l-proprjeta’ in kwistjoni saret tagħhom, il-piż ta’ din il-prova jaqa’ fl-ewwel lok fuqhom. Huwa minnu illi fil-kors tas-smiegħ tal-kawża kemm il-konvenuta Giswalda Buttiġieġ kif ukoll bintha Michelle Spiteri donnhom bdew jippretendu li l-proprjeta’ in kwistjoni saret tagħhom bis-saħħa tal-preskrizzjoni, għax ilhomżżmien twil ma jħallsu kera fuqha u anke fdew iċ-ċens li kien jaggravaha.[6] Imma għall-fini ta’ din il-kawża, il-Qorti trid neċessarjament toqgħod fuq id-difiża tagħhom kif proposta fir-Risposta ġuramentata, u hemmhekk il-konvenuti mkien ma jeċċepixxu li għandhom xi titolu ta’ proprjeta’ fuq il-fond in kwistjoni.

Il-proprjeta’ kollha li l-atturi konjuġi Galea jgħidu li hija tagħhom ġiet deskritta b’mod dettaljat fl-aċċess li kien inżamm mill-Qorti fil-kors tas-smiegħ tal-kawża: Avviż Numru: 56/1972 fl-ismijiet: “Assunta Galea nomine vs Emanuel Buttiġieġ,” ċeduta fl-20 ta’ Ottubru 1975, fejn l-

[6] Ara affidavit ta’ Giswalda Buttigieg a fol.76 -80, u dak ta’ Michelle Spiteri a fol. 256 - 257

atturi kienu ttentaw jiżgumbraw lir-raġel tal-konvenuta presenti Giswalda Buttiġieġ mill-istess fond li hemm il-kwistjoni dwaru f'din il-kawża.[7] Il-parti kontestata hija dik ibbordurata bil-kulur aħdar fuq il-pjanta redatta mill-A.I.C. Joseph P. Dimech esebita a fol. 218 fl-istess kawża. Il-konfigurazzjoni tal-fondi fl-inħawi llum għadha bejn wieħed u ieħor l-istess, bid-differenza li l-atturi għamlu xi miljoramenti fil-parti okkupata minhom, li hija dik ibborduata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta, u l-konvenuti minn dakinhar 'l hawn, saqfu l-bitħa li tidher fil-parti bbordurata bl-aħdar, u l-kamra żgħira li fil-pjanta tidher fuq in-naħa tal-punent, illum tinsab imġarrfa.

Minn eżami tal-kuntratti u provi oħra rilevanti għal din il-kwistjoni jirriżulta illi:

(1) L-attriċi Assunta Galea nee' Xuereb, kif rappresentata f'dawn l-atti mill-atturi nomine, kienet permezz ta' kuntratt ta' dota in kontemplazzjoni taż-żwieġ tagħha ma' l-attur l-ieħor Anthony Galea, akkwistat mingħand missierha Pawlu Xuereb: "*it-terran li jinsab Għawdex, Għajnsielem, Triq Sant'Andrea, numru sitta (6) bil-mandra annessa tal-kejl ta' ċirka siegħ u nofs kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' xelin u tmin Soldi(1s/8d).*" [8]

(2) Bħala provenjenza f'dak il-kuntratt ingħad li: "*l-fond fuq deskritt ġie għand id-donanti permezz t'att ta' bejgħ ippubblikat minn Nutar Mario Bonello fil-ħmistax (15) ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija tmienja u ħamsin (1958)*." [9]

(3) B'dan il-kuntratt tal-1958 Giuseppa Buttiġieġ, kif assistita minn żewġha Giuseppe, kienet biegħet lil Paolo Xuereb " *t-terran bil-ġiardin miegħu Numru sitta, ġia' numru seba (7) u ġia' numru tnejn Strada Sant'Andrija, Għajnsielem, Għawdex, soġġett għal xelin u tmien Soldi(1/8) fis-sena ċens (canone) perpetwu lejn Rosina*

[7] Ara verbal ta' l-access mizmum fit-8 ta' Mejju 1973, a fol. 210 – 211 f'dak il-process
[8] Ara kopja ta' dan il-kuntratt,in atti Nutar Dr.John Busuttil tat-22 ta' Dicembru 1960 anness mar-Rikors Guramentat bhala Dok.A, a fol. 5 -6 tal-process, b'kopja formali annessa ma' l-Avviz nru. 56/1972 bhala Dok.B a fol. 205 - 206
[9] Ibid. a fol. 6

*Magro u ħuta, libru u frank min kull pis ieħor, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha*." [10]

(4) Bħala provenjenza f'dak il-kuntratt ingħad li: "*dan il-fond kien ġie assengnat b'titolu ta dota lil venditriċi Giuseppa Buttiġeiġ meta kienet xebba da parti tal-ġenituri tagħha Salvatore Meilak u martu Loreta nee' Mercieca fuq kitba ta qabel iż-żwieġ tat-tmintax ta Ottubru Elf disa mija tlieta u għoxrin (1923) fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Azzopardi*." [11]

(5) B'dan il-kuntratt tal-1923 Giuseppa Meilak li kienet waslet biex tiżżewweġ lil Giuseppe Buttiġieġ kienet ingħatat b'dota mill-ġenituri tagħha: " *il luogo di Case in Ghain Selem Gozo, Starda Sant'Andrea segnato col numero due, con tutti e singoli i relativi gius, pertinenze ed atínense soggetto all'annuo perpetuo canone di scellino uno pence Otto (1/8)*…" [12]

(6) Bħala provenjenza ingħad fuq l-istess kuntratt li l-fond assenjat kien ġie lil Loreta Meilak (omm Giuseppa Meilak) u lil żewġha "…*in parte ad una parte dall'eredita' di detto Giuseppe Mercieca padre della donante e in parte ad un'altra parte (che) e' stata costruita dai Donanti durante il loro conuptio*…". [13]

(7) B'kuntratt tat-13 ta' Ottubru 1894 Giuseppe Mercieca kien assenja b'titolu ta' dota lil bintu Maria li kienet ser tiżżewweġ lil Giuseppe Gauċi: "…*una stanza grande terrana con cortile, cucina e mandretta il totale sito Della capacita' di circa due mondelli e mezzo, sita in detto Casale Ghainselem e nella Strada Sant'Andrea, senza numero , confinata da Levante con beni Della Chiesa Cattedrale amministrati dal Reverendissimo Canonico di tale Chiesa Cattedrale di Gozo Signor Don Francesco Camenzuli, da Tramontana con beni di Lorenzo Bugeja,*

[10] Ara kopja ta' dan il-kuntratt in atti Nutar Dr. Mario Bonello tal-15 ta' Mejju 1985, esebit bhala Dok.A fl-atti tal-kawza: Avviz Nru.56/1972 a fol. 202 - 204

[11] Ibid. a fol. 203

[12] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Giovanni Azzopardi tat-18 ta' Ottubru 1923 esebit bhala Dok.25 a fol. 92 – 97 tal-process tal-kawza presenti, u in partikolari a fol.94 fejn tinghata din id-deskrizzjoni

[13] Ibid. a fol. 96

***da Ponente con beni dello stesso Giuseppe Mercieca*** *e da Mezzodi' con entrata – soggetta allo annuo pagamento di scellini due e pence sei per ragion di una rata di canone perpetuo, ed avente il pasaggio da una entrata comune con altri beni di detto Mercieca*." [14]

(8) Huwa evidenti li dan huwa l-istess fond li jinsab ibbordurat bil-kulur aħdar fil-pjanta tal-perit Dimech li tinsab fl-atti tal-kawża Avviż numru: 56/1972.[15] Infatti fuq dik il-parti tal-pjanta insibu sew il-kamra l-kbira msemmija f'dan il-kuntratt, kif ukoll il-bitħa u l-kamra ż-żgħira, u l-kejl komplessiv ta' żewġ sigħan u seba' kejliet javviċina ħafna dak tad-"*due mondelli e mezzo*' indikat fuq il-kuntratt.

(9) Mill-kuntratt tad-dota in atti Nutar Giuseppe Camilleri tal-21 ta' Frar 1898 li bih l-istess Giuseppe Mercieca kien xi snin wara assenja lil bintu l-oħra Loreta l-parti adjaċenti mill-proprjeta' li kellu aktar lejn il-punent fl-istess inħawi,[16] jirriżulta li din kienet tikkonsisti f' "*una casa in Casal Ghainselem, Strada Santo Andrea, Numero due A, consistente in due stanze terrane di cui una grande e l'altra piccola, una cuccina ed un cortile, con pozione di mandetta seco congiunta Della capacita' di circa un mondillo e mezzo, confinata la detta casa con mandretta da levante con beni di Giuseppe Gauci, da Tramontana con beni di Lorenzo Bugeja, da ponente con beni di Michele Xuereb e da Mezzodi' con beni di Loreto Zerafa – obbligata all'annuo pagamento di un scelino e pence Otto in ragion di suo canone perpetuo*…". [17] Mill-provenjenza mogħtija hawn fuq,[18] jirriżulta li dan huwa l-istess fond li llum jappartjeni lill-atturi konjuġi Galea. Mid-deskrizzjoni tal-konsistenza ta' dan il-fond insibu mbagħad li din taqbel perfettament mal-porzjon ibbordurata bl-isfar fuq il-pjanta redatta mill-perit Dimech.[19] Anke l-kejl huwa

---

[14] Ara kopja ufficcjali ta' dan il-kuntratt in atti Nutar Giuseppe Camilleri tat-13 ta' Ottubru 1894, esebit fl-atti tal-Avviz Nur.56/1972 a fol. 236 -242, u in partikolari a fol.237 - 238 fejn tinghata din id-deskizzjoni

[15] A fol. 218

[16] Infatti jirrizulta li Loreta Mercieca izzewget lil Salvatore Mejlak fit-22 ta'Frar 1898 (Dok.A a fol.283

[17] Ara kopja tal-kuntratt relattiv esebit bhala Dok.GB a fol. 234 - 239 tal-process tal-kawza presenti

[18] Ara paragrafi numerati minn (1) sa (6)

[19] A fol. 218 ta' l-Avviz Nru.56/1972

kważi identiku; fil-kuntratt ingħad li kien ikejjel siegħ u nofs, mentri fil-pjanta tal-perit Dimech din il-parti rriżultat li tkejjel siegħ u erba kejliet punt tlieta. Iċ-ċens aggravanti l-istess porzjon kien ilaħħaq xelin u tmien soldi, proprju dak li jirriżulta wkoll mill-kuntratt ta' akkwist tal-1960 ta' l-atturi konjuġi Galea.

(10) Jirriżulta għalhekk indubbjament illi ż-żewġ porzjonijiet li jidhru fuq il-pjanta tal-perit Dimech, sew dik ibbordurata bl-isfar, kif ukoll dik ibbordurata bl-aħdar, kienu oriġinarjament proprjeta' waħda appartenenti lill-imsemmi Giuseppe Mercieca, missier Loreta u Maria aħwa Mercieca.

(11) Meta allura l-atturi presenti fdew iċ-ċens aggravanti l-proprjeta' tagħhom permezz tal-kuntratt in atti Nutar Dr. Emanuel G. Cefai tad-29 ta' Ottubru 1977,[20] għalkemm iddikjaraw li dan iċ-ċens kien ta' erba xelini u żewġ soldi, huma kienu proprjament qegħdin jifdu sew il-parti ta' dan iċ-ċens li kien hemm fuq il-porzjon mill-proprjeta' ta' Giuseppe Mercieca fl-inħawi (xelin u tmien soldi), li huwa kien assenja lil bintu Loreta, kif ukoll dak ta' żewġ xelini u tmien soldi impost fuq il-porzjon li kien assenja lil bintu l-oħra Maria. B'daqshekk biss pero' ma jfissirx li ż-żewġ porzjonijet saru tagħhom, mingħajr ma jispjegaw kif qatt il-porzjon ta' Maria kien ġie eventwalment assorbit mal-porzjon illum f'idejn l-atturi. Dan il-fidi jintitolhom biss li jiġbru l-ekwivalenti llum taż-żewġ xelini u sitt soldi ċens mingħand l-utilisti tal-fond adjaċenti.

(12) Huwa minnu illi hemm konfuzjoni sħiħa fin-numri li bih iż-żewġ porzjonijiet ġew identifikati matul iż-żminijiet. Kif rajna, il-parti llum f'idejn l-atturi ġġib in-numru sebgħa (7), għalkemm qabel kienet iġġib ukoll in-numri sitta (6) u anke tnejn (2), u l-parti l-oħra kienet iġġib in-numru ħamsa (5). Infatti rriżulta li fl-1952 Giuseppe Gauċi li kien iżżewweġ lil Maria Mercieca, fuq imsemmija, kien jirrisjedi fil-fond numru ħamsa (5) Triq Sant' Andrija,

[20] Ara kopja esebita bhala Dok.B flimkien mar-Rikors Guramentat a fol. 7 – 8 tal-process tal-kawza presenti

Għajnsielem, mentri fil-parti l-oħra, dakinhar bin-numru sitta (6) kienet toqgħod ċerta Loreta Saliba,[21] u allura sa dakinhar żgur li dawn iż-żewġ porzjonijiet kienu għadhom żewġ fondi distinti u separati.

(13) L-atturi baqgħu qatt ma taw spjegazzjoni ta' kif, meta l-kuntratt ta' akkwist tagħhom tal-1960 jagħti kejl ta' siegħ u nofs biss, jippretendu wkoll li ma' dan il-fond kellha tiżdied parti oħra ta' żewġ siegħan u nofs (495m.k.), ma' dak li kien ġie dikjarat f'dan il-kuntratt.

(14) L-atturi jagħmlu kapital mill-fatt li l-fond fil-pussess tagħhom għandu bieb li jagħti għal fejn il-mandra ta' quddiem il-fond l-ieħor li dwaru saret din il-kawża.[22] L-attriċi Rosina Azzopardi tammeti li dan x'aktarx kien infetaħ minn nannuha l-imsemmi Pawlu Xuereb meta ftit wara li kien akkwista l-fond tiegħu fl-1958 kien biddel il-ħajt tas-sejjieħ li kien idawwar l-istess proprjeta' b'wieħed tal-kantun.[23] Fi kalunkwe każ pero', anke jekk kien jeżisti qabel, u nħoloq *per destinazione di pater familias* kull ma jista' jagħti huwa dritt ta' passaġġ fuq beni ta' terzi u mhux dritt ta' proprjeta' fuqha.

(15) Sinjifikanti ferm hija d-deposizzjoni li kien ta Giuseppe Buttiġieġ stess meta, fil-kawża preċedenti, stqarr li: "***Meta jien begħt lill-Pawlu Xuereb, jien begħtlu biss il-parti llum okkupata mill-attriċi*** (ċioe' Assunta Galea) ***u qatt ma ħsibt li qed inbegħlu il-parti wkoll li fiż-żmien kienet f'idejn Gauċi*** *(*b'referenza għal Guzepp Gauċi*)* ***u Buttiġieġ*** *(*b'referenza għal Emanuel Buttiġieġ, ir-raġel tal-konvenuta Giswalda Buttiġieġ*)*." [24]

(16) Għalkemm l-attriċi Rosina Azzopardi u l-attur proprio Anthony Galea jsostnu li n-nies li kienu daħlu fil-porzjon in kontestazzjoni minn meta kien xtara Pawlu Xuereb, kienu għamlu hekk bil-kunsens tiegħu, jirriżulta li

[21] Ara kopja tal-parti relattiva tar-Registru Elettorali tal-1952 esebit bhala Dok. GB 7 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru.76/2008.
[22] Ara kopja tal-pjanta tal-perit Dimech,Dok.GB fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru.76//2008 fejn hemm bieb indikat bl-ahmar "bla numru"; u ritratti "A1" u "A2 "fl-istess atti, fejn dan il-bieb jidher mizbugh ahdar .
[23] Ara deposizzjoni taghha in kontro-ezami a fol. 301 - 353
[24] Ara deposizzjoni ta' dan ix-xhud fl-Avviz Nru .56/1972 a fol 229 verso

Gużepp Gauċi dik il-ħabta kien ġia' kera il-fond tiegħu lil Emanuel Buttiġieġ għal żewġ liri u nofs fis-sena, u dan baqa' f'idejh u l-familja tiegħu sa llum.[25]

Dawn il-provi kollha ma jistgħu iħallu l-ebda dubbju li ż-żewġ porzjonijiet fi Triq Sant, Andrija, llum Triq Dun Espedito Tabone, Għajnsielem, li oriġinarjament kienu jappartjenu lil Giuseppe Mercieca sakemm dawn ġew assenjati liż-żewġ uliedu Maria u Loreta fl-okkazzjoni taż-żwieġ tagħhom, ilhom minn żmien il-kuntratti ta' dota rispettivi li ġew diviżi f'żewġ porzjonijet separati u minn dak iż-żmien 'l hawn qatt ma reġgħu ingħaqdu. Jista' jagħti l-każ li għal xi żmien Pawlu Xuereb, missier l-attriċi presenti seta' kellu f'idejh id-detenzjoni tal-porzjon li messet lil Maria miżżewġa Gauċi meta fi xjuħitu Gużepp Gauċi nġabar f'dar tax-xjuħ, u l-fond tiegħu għamel xi ftit taż-żmien vojt. B'daqshekk pero' ma rriżulta xejn li jista' jwassal lill-istess Pawlu Xuereb u warajh l-atturi sabiex ikunu akkwistaw il-proprjeta' ta' dan il-porzjon ukoll, li huma jippretendu li jifforma parti ntegrali mill-proprjeta' tagħhom.

Għal dawn il-motivi u peress li l-atturi nomine ma rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfaċenti d-dominju tagħhom fuq il-fond in kwistjoni deskritt fir-Rikors Ġuramentat tagħhom, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fuq il-mertu, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[25] Ara deposizzjoni ta' Carmelo Gauci fl-Avviz Nru.56/1972 a fol. 234, u dik ta' l-istess Emanuel Buttigieg a fol.235 recto u verso. Ara wkoll kopji ta' ricevuti esebiti bhala dokti 21 u 22 a fol. 82, 83 tal-process tal-kawza presenti